

Brussell, 1 ta' Lulju 2020
(OR. en)

9258/20

ENER 224
ENV 387
CLIMA 133
ECOFIN 549
RECH 246
FIN 421

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	1 ta' Lulju 2020
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 9163/20	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 11/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Effiċjenza fl-enerġija fil-bini: għadu jinħtieġ fokus akbar fuq il-kosteffettività"
	- Konklużjonijiet tal-Kunsill (l-1 ta' Lulju 2020)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 11/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Effiċjenza fl-enerġija fil-bini: għadu jinħtieġ fokus akbar fuq il-kosteffettività", approvat bi proċedura bil-miktub mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2020.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 11/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Effiċjenza fl-enerġija fil-bini: għadu jinħtieġ fokus akbar fuq il-kosteffettività"

FILWAQT LI JFAKKAR fil-pakkett leġislattiv "Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha", li jistabbilixxi l-qafas għall-implimentazzjoni tal-miri tal-Unjoni għall-enerġija u l-klima għall-2030 b'rabta mat-tnaqqis tal-gass serra, iż-żidiet fl-enerġija rinnovabbli, it-titjib fl-effiċjenza fl-enerġija u l-interkonnessjonijiet elettriċi,

FILWAQT LI JFAKKAR b'mod partikolari fid-Direttiva emendatorja dwar l-Effiċjenza tal-Enerġija 2018/2002/UE,

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JIRRINGRAZZJA lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri għar-Rapport Speċjali Nru 11/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Effiċjenza fl-enerġija fil-bini: għadu jinħtieġ fokus akbar fuq il-kosteffettività",
2. JIRRIKONOXXI li t-titjib fl-effiċjenza enerġetika tal-bini filwaqt li tinkiseb rata ta' rinnovazzjoni aktar mgħaġġla, huwa għodda ewlenija biex tintlaħaq il-mira ewlenija tal-Unjoni għall-effiċjenza enerġetika għall-2030 ta' mill-inqas 32.5 %,
3. JIEĦU nota tal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport Speċjali u jħeġġeġ lill-Kummissjoni ssegwi dawk ir-rakkomandazzjonijiet.

B'mod partikolari:

4. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tiżviluppa aktar l-ippjanar u l-immirar ta' investimenti fuq miżuri ta' effiċjenza enerġetika qabel ma tapprova programmi għall-infiq tal-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni. Jenħtieġ li l-analiżi tal-Kummissjoni tippermetti li jiddaħħlu fis-seħħ strumenti finanzjarji li jissodisfaw il-kondizzjonijiet speċifiċi fl-Istati Membri kollha, inkluż il-kondizzjonijiet tas-suq, u li tiġi f'favorita t-tranżizzjoni tal-enerġija. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta wkoll jekk il-programmi rigward il-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni humiex konformi mal-Pjanijiet Nazzjonali dwar l-Enerġija u l-Klima u l-Istrateġiji Nazzjonali ta' Rinnovazzjoni Fit-Tul filwaqt li titqies il-promozzjoni ulterjuri tal-investimenti għall-irkupru ekonomiku mill-pandemija tal-COVID-19,

5. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi metodoloġija għall-valutazzjoni tal-iffrankar tal-enerġija li jirriżulta mill-użu tal-fondi tal-UE,
 6. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex issaħħaħ il-gwida tagħha għall-awtoritajiet maniġerjali tal-Istati Membri fit-titjib tal-proċeduri tal-għażla tal-proġetti u fil-valutazzjoni tal-ispejjeż relattivi u tal-benefiċċji multipli tal-proġetti,
 7. JENFASIZZA li l-gwida msaħħa tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq jenħtieġ li tiġi stabbilita fil-ħin għall-programmi tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027,
 8. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tagħmel il-qafas ta' prestazzjoni aktar orjentat lejn ir-riżultati għal monitoraġġ aħjar tal-progress lejn l-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni u l-kontribut għall-oġettivi ta' diversi politika, filwaqt li tqis ukoll il-kosteffettività taċ-ċiklu tal-ħajja u d-diversi benefiċċji tal-investimenti kif ukoll it-titjib fl-obbligu ta' responsabbiltà.
-